KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SHARPSTON
ippreżentati fit-8 ta' Mejju 2014[1]

Kawża C-137/13

Herbaria Kräuterparadies GmbH
vs
Freistaat Bayern

(talba għal deċiżjoni preliminari mill-Bayerisch Verwaltungsgericht München (il-Ġermanja))

"Agrikoltura — Ittikkettjar ta' prodotti organiċi — Regolament (KE) Nru 889/2008 — Artikolu 27(1)(f) — Użu ta' prodotti u sustanzi fl-ipproċessar ta' oġġetti tal-ikel ittikkettati bħala organiċi — Projbizzjoni tal-użu ta' minerali u vitamini fejn ma jkunux legalment meħtieġa — Żieda ta' glukonat ferruż u vitamini ma' taħlita organika ta' meraq tal-frott — Kwantitajiet meħtieġa biex jiġi awtorizzat il-bejgħ bħala suppliment tal-ikel, indikat bħala tajjeb għas-saħħa u nutrizzjonali jew bħala oġġett tal-ikel għal użu nutrittiv partikolari"

1. Din hija talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bayerisch Verwaltungsgericht München [il-Qorti Amministrattiva tal-Bavarja, München (il-Ġermanja); iktar 'il quddiem il-"Verwaltungsgericht"].

2. Hija tirrigwarda prodott li jinkludi prinċipalment ingredjenti mkabbrin b'mod organiku, iżda wkoll addittivi mhux organiċi ta' minerali u vitamini. Jista' l-prodott jiġi ttikkettat u kkummerċjalizzat bħala "organiku"? B'mod partikolari, addittivi bħal dawn huma "legalment meħtieġa" jekk il-prodott jiġi kkummerċjalizzat bħala suppliment tal-ikel u/jew bħala prodott li għandu benefiċċji għas-saħħa u n-nutrizzjoni li ma jkunux jistgħu jinkisbu mingħajrhom?

3. Quddiem din il-qorti, il-manifattur (Ewropew) tal-prodott jallega wkoll li prodotti komparabbli importati mill-Istati Uniti tal-Amerika jistgħu jiġu kkummerċjalizzati fl-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem l-"UE") bit-tikketta "organiċi" li hija konformi mar-regoli tal-Istati Uniti tal-Amerika li huma ekwivalenti, iżda mhux identiċi, għal dawk tal-UE.

Il-kuntest leġiżlattiv

Supplimenti tal-ikel u sustanzi nutrizzjonali

4. Il-premessa 9 tal-preambolu tad-Direttiva 2002/46[2] tgħid: "Biss dawk il-vitamini u l-minerali li normalment huma misjuba fi, u kkonsmati bħala parti minn dieta, għandhom ikunu mħollijin li jkunu preżenti f'supplimenti ta' l-ikel, għalkemm dan ma jfissirx li l-preżenza tagħhom ġo fihom hija meħtieġa [...]".

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 — Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-10 ta' Ġunju 2002, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti ta' l-ikel (ĠU L 183, p. 51), kif emendata.

5. Il-premessa 15 tgħid: “Supplimenti ta’ l-ikel jinxtraw mill-konsumaturi bħala konsum supplimentari għad-dieta. Sabiex jiġi assigurat li dan il-għan jintlaħaq, jekk il-vitamini w il-minerali jkunu dikjarati fuq it-tikketta tas-supplimenti ta’ l-ikel, huma għandhom ikunu preżenti fil-prodott fi kwantità sinifikanti”.

6. L-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva jiddefinixxi (a) supplimenti tal-ikel bħala “oġġetti ta’ l-ikel li l-għan tagħhom huwa li jissupplimentaw id-dieta normali u l-fonti kkonċentrati ta’ nutrijenti jew sustanzi oħrajn b’effett nutrizzjonali jew fiżjoloġiku, waħedhom jew f’għaqdiet, mibjugħa b’dożi […]” u (b) nutrijenti bħala vitamini jew minerali. L-Artikolu 4(1), moqri flimkien mal-Annessi I u II, jistabbilixxi lista eżawrjenti ta’ vitamini u minerali li jistgħu jintużaw għall-manifattura tas-supplimenti tal-ikel.

7. L-Artikolu 5(3) jipprovdi: “Sabiex jassiguraw li l-ammonti sinifikanti ta’ vitamini u minerali jkunu preżenti fis-supplimenti ta’ l-ikel, ammonti minimi għal porzjon ta’ konsum għal kull jum kif rakkommandati mill-manifattur għandhom jiġu stabbiliti, kif xieraq”. Skont l-Artikolu 5(4), l-ammonti minimi ta’ vitamini u minerali msemmijin fil-paragrafu 3 għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni. Iżda fil-fatt l-ebda ammont għadu ma ġie stabbilit.

8. Skont l-Artikolu 6(3)(a), it-tikkettjar għandu juri l-ismijiet tal-kategoriji tan-nutrijenti jew tas-sustanzi li jikkaratterizzaw il-prodott jew indikazzjoni tan-natura ta’ dawk in-nutrijenti jew sustanzi.

Indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa

9. L-Artikolu 2(2)(1) tar-Regolament Nru 1924/2006[3] jiddefinixxi “stqarrija” [indikazzjoni] bħala “kull messaġġ jew rappreżentazzjoni, li mhix obbligatorja skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja jew nazzjonali, […] li jiddikjaraw, jissuġġerixxu jew jimplikaw li xi ikel għandu karatteristiċi partikolari”.

10. L-Artikolu 3 jipprovdi:

“Stqarrijiet [indikazzjonijiet] dwar vantaġġ nutrittiv u għas-saħħa jistgħu jintużaw fit-tikketti, il-preżentazzjoni u r-reklamar ta’ ikel mqiegħed fis-suq fil-Komunità biss jekk ikunu konformi mad-disposizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament.”

[...] l-użu ta’ stqarrijiet dwar vantaġġ nutrittiv u għas-saħħa ma għandux:

(a) ikun falz, ambigwu jew qarrieqi;

[...]”

11. L-Artikolu 5(1) jipprovdi, *inter alia*, li:

“L-użu ta’ stqarrijiet [indikazzjonijiet] dwar vantaġġ nutrittiv u għas-saħħa għandhom ikunu permessi biss jekk il-kondizzjonijiet li ġejjin ikunu sodisfatti:

(a) ikun muri li l-preżenza [...] f’ikel jew f’kategorija ta’ ikel ta’ nutrijent jew sustanza oħra li fir-rigward tagħhom tkun saret l-istqarrija għandhom effett nutrittiv jew fiżjoloġiku ta’ benefiċċju, kif stabbilit minn data xjentifika aċċettata b’mod ġenerali;

3 — Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta’ Diċembru 2006, dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel (ĠU L 404, p. 9).

(b) in-nutrijent jew sustanza oħra li fir-rigward tagħhom tkun saret l-istqarrija:

(i) ikunu jinsabu fil-prodott finali fi kwantità sinifikanti kif definit mil-leġislazzjoni Komunitarja jew, fejn tali regoli ma jeżistux, fi kwantità li tipproduċi l-effett nutrittiv jew fiżjoloġiku mistqarr kif stabbilit minn data xjentifika aċċettata b'mod ġenerali;

[...]"

12. L-Artikolu 8(1) jipprovdi: "Stqarrijiet [indikazzjonijiet] dwar vantaġġ nutrittiv għandhom ikunu permessi biss jekk huma elenkati fl-Anness u jekk huma f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament". L-Artikolu 13(1) jippermetti wkoll l-użu ta', b'mod partikolari, indikazzjonijiet dwar vantaġġ għas-saħħa li jiddeskrivu jew jirreferu għall-irwol ta' nutrijent jew ta' sustanza oħra fit-tkabbir, l-iżvilupp u l-funzjonijiet tal-ġisem li jkunu bbażati fuq *data* xjentifika aċċettata b'mod ġenerali u miftiehma sew mill-konsumatur medju, u li jkunu inklużi f'lista li għandha ssir, skont l-Artikolu 13(3), mill-Kummissjoni.

13. L-anness tar-Regolament Nru 1924/2006, taħt it-titolu "SORS TA' [ISEM TAL-VITAMINA/I] U/JEW [ISEM TAL-MINERALI]" jgħid: "Stqarrija [indikazzjoni] li ikel hu sors ta' vitamini u/jew minerali, u kwalunkwe stqarrija li x'aktarx tkun tfisser l-istess għall-konsumatur, tista' ssir biss fejn il-prodott ikun fih mill-inqas ammont sinifikanti kif definit fl-Anness mad-Direttiva 90/496/KEE […]"[4]

14. L-anness tar-Regolament Nru 432/2012[5] jinkludi lista ta' indikazzjonijiet dwar is-saħħa li jistgħu jsiru dwar ikel, kif imsemmija fl-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006. Għall-ħadid, "Il-ħadid jikkontribwixxi għall-formazzjoni normali ta' ċelluli ħomor tad-demm u ta' emoglobina" hija indikazzjoni li tista' tintuża, iżda biss għal ikel li jkun mill-inqas sors ta' ħadid kif muri fl-indikazzjoni.

Oġġetti tal-ikel għal użu ta' nutriment partikolari

15. L-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2009/39[6] jiddefinixxi oġġetti tal-ikel għal użu ta' nutriment partikolari bħala "[...]oġġetti tal-ikel għal użu ta' nutriment partikolari li, minħabba l-komposizzjoni speċjali jew proċess ta' manifattura tagħhom, jintgħarfu b'mod ċar minn oġġetti tal-ikel għall-konsum normali, li huma adegwati għall-għanijiet espressi tagħhom ta' nutriment u li huma mqiegħda fis-suq b'tali mod li jindikaw tali adegwatezza".

16. L-Artikolu 1(3) jipprovdi:

"L-użu ta' nutriment partikolari għandu jissodisfa r-rekwiżiti ta' nutriment partikolari:

(a) ta' ċerti kategoriji ta' persuni li l-proċessi diġestivi jew metaboliżmi tagħhom huma disturbati; jew

(b) ta' ċerti kategoriji ta' persuni li huma f'kondizzjoni psikoloġika speċjali u li huma għalhekk kapaċi li jiksbu benefiċċju speċjali mill-konsum kontrollat ta' ċerti sustanzi fl-oġġetti tal-ikel; jew

(c) ta' trabi jew tfal żgħar b'saħħithom."

4 — Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, tal-24 ta' Settembru 1990, dwar l-ittikkettar tan-nutrizzjoni għall-oġġetti tal-ikel (ĠU L 276, p. 40). L-Anness I jgħid: "Bħala regola, 15 % ta' l-ammont rakkomandat speċifikat fl-Anness provdut minn 100 g jew 100 ml jew kull pakkett jekk il-pakkett ikun fih biss porzjon wieħed għandu jkun kunsidrat biex jiġi deċiż x'jikkostitwixxi ammont sinnifikanti". Porzjon rakkomandat għal kuljum ('RDA') huwa stabbilit għal għadd ta' sustanzi, inklużi ħadid u d-diversi vitamini indikati li kienu fil-prodott inkwistjoni fil-proċeduri prinċipali.

5 — Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 432/2012 tas-16 ta' Mejju 2012 li jistabbilixxi lista ta' indikazzjonijiet permessi dwar is-saħħa li jsiru fuq l-ikel, barra dawk li jirreferu għat-tnaqqis fir-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal (ĠU L 136, p. 1).

6 — Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-oġġetti tal-ikel għal użu ta' nutriment partikolari (riformulata) (ĠU L 124, p. 21).

17. L-Artikolu 3(1) jeżiġi li n-natura jew il-kompożizzjoni ta' prodotti tal-ikel għal użu nutrittiv partikolari jkunu tali li l-prodotti jkunu adegwati għall-użu nutrittiv partikolari intiż.

18. L-Artikolu 4(3) jagħti struzzjonijiet lill-Kummissjoni sabiex tadotta lista tas-sustanzi b'għanijiet ta' nutriment speċifiċi, inklużi vitamini u melħ, maħsuba sabiex jiġu miżjuda ma' oġġetti tal-ikel maħsuba għal użu nutrittiv partikolari.

19. Dik il-lista ġiet adottata fl-anness tar-Regolament Nru 953/2009[7], li l-premessa 5 tal-preambolu tiegħu tgħid: "Fejn iż-żieda ta' sustanza nutrittiva ġiet meqjusa bħala neċessarja, din ġiet stipulata minn regoli speċifiċi fid-direttivi speċifiċi relevanti flimkien mal-kundizzjonijiet kwantitattivi xierqa, skont kif ikun il-każ".

Tikkettjar ta' oġġetti tal-ikel organiċi prodotti fl-UE

20. Il-preambolu tar-Regolament Nru 834/2007[8] jinkludi, *inter alia*, il-premessi li ġejjin:

"(20) Ikel ipproċessat għandu jkun ittikkettat bħala organiku biss fejn l-ingredjenti kollha jew kważi kollha ta' oriġini agrikola huma organiċi. Madankollu, għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċjali ta' ttikkettar għall-ikel ipproċessat li jinkludi ingredjenti agrikoli li ma jistgħux jinkisbu b'mod organiku [...]

[…]

(22) Iż-żamma tal-kunfidenza tal-konsumatur fi prodotti organiċi hija importanti. Għalhekk l-eċċezzjonijiet mill-ħtiġiet applikabbli għall-produzzjoni organika għandhom ikunu limitati strettament għal każijiet fejn l-applikazzjoni ta' regoli eċċezzjonali hija meqjusa ġustifikata."

21. L-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament jiddeskrivi l-għanijiet ġenerali li għandhom ikunu segwiti minn produzzjoni organika, inkluż dak, skont (c), "li tipproduċi varjetà kbira ta' ikel u prodotti agrikoli oħrajn li jwieġbu għad-domanda tal-konsumaturi għal oġġetti prodotti bl-użu ta' proċessi li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, lis-saħħa tal-bniedem, lis-saħħa tal-pjanti jew lis-saħħa u l-benesseri ta' l-annimali".

22. L-Artikolu 6 jipprovdi:

"[...] il-produzzjoni ta' għalf organiku pproċessat għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji speċifiċi li ġejjin:

(a) il-produzzjoni ta' ikel organiku minn ingredjenti agrikoli organiċi, ħlief fejn ingredjent mhux disponibbli fis-suq f'forma organika;

(b) ir-restrizzjoni ta' l-użu ta' additivi ta' l-ikel, ingredjenti mhux organiċi b'funzjonijiet prinċipalment teknoloġiċi u funzjonijiet sesorji kif ukoll mikronutrienti u għajnuniet għall-ipproċessar, sabiex huma jintużaw mill-anqas u biss f'każ ta' ħtieġa teknoloġika essenzjali jew għal skopijiet partikolari nutrizzjonali;

(c) l-esklużjoni ta' sustanzi u metodi ta' pproċessar li jistgħu jqarrqu rigward in-natura vera tal-prodott;

7 — Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 953/2009, tat-13 ta' Ottubru 2009, dwar sustanzi li jistgħu jiġu miżjuda għal għanijiet nutrittivi speċifiċi fl-oġġetti tal-ikel għal użi nutrittivi partikolari (ĠU L 269, p. 9).

8 — Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007, tat-28 ta' Ġunju 2007, dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2029/91 (ĠU L 189, p. 1).

[...]”

23. L-Artikolu 19 huwa intitolat “Regoli ġenerali dwar il-produzzjoni ta’ l-ikel ipproċessat”. L-Artikolu 19(2) jipprovdi, b’mod partikolari, li:

“Il-kondizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għall-kompożizzjoni ta’ ikel organiku pproċessat:

(a) il-prodott għandu jiġi prodott prinċipalment minn ingredjenti ta’ oriġini agrikola; [...]

(b) additivi, għajnuniet ta’ proċessar, aromatizzanti, ilma, melħ, preparati ta’ mikroorganiżmi u enżimi, minerali, elementi ta’ traċċa, vitamini, kif ukoll aminoaċidi u mikronutrienti oħrajn f’oġġetti ta’ l-ikel għal użu nutrizzjonali partikolari biss jistgħu jintużaw u biss safejn ġew awtorizzati għall-użu fi produzzjoni organika skond l-Artikolu 21;

[...]”

24. L-Artikolu 21 jipprovdi, b’mod partikolari, li:

“1. L-awtorizzazzjoni ta’ prodotti u sustanzi għall-użu fil-produzzjoni organika u l-inklużjoni tagħhom fil-lista ristretta ta’ prodotti u sustanzi msemmija fl-Artikolu 19(2) (b) […] għandha tkun soġġetta għall-objettivi u l-prinċipji stabbiliti fit-Titolu II u li ssegwi l-kriterji, li għandhom jiġu evalwati kollha kemm huma:

(i) alternattivi awtorizzati skond dan il-kapitolu mhumiex disponibbli;

(ii) mingħajr rikors għalihom, ikun impossibbli li jiġi prodott jew preservat l-ikel jew jiġu sodisfatti ħtiġiet dijetetiċi speċifikati previsti abbażi tal-legislazzjoni Komunitarja.

Barra minn hekk, il-prodotti u s-sustanzi msemmija fl-Artikolu 19(2) (b) jinsabu fin-natura u jistgħu jkunu għaddew minn proċessi mekkaniċi, fiżiċi, bijoloġiċi, enżimatiċi jew mikrobjali, ħlief jekk tali prodotti jew sustanzi minn tali sorsi ma jkunux disponibbli fi kwantitajiet jew kwalitajiet suffiċjenti fis-suq.

2. Il-Kummissjoni għandha […] tiddeċiedi dwar l-awtorizzazzjoni tal-prodotti u s-sustanzi u l-inklużjoni tagħhom fil-lista ristretta msemmija fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu u tistabbilixxi kondizzjonijiet u limiti speċifiċi għall-użu tagħhom, u, jekk meħtieġ, dwar l-irtirar ta’ prodotti.

[…]”

25. L-Artikolu 23 (“Użu ta’ termini li jirreferu għall-produzzjoni organika”) jipprovdi, *inter alia*, li:

“1. Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament prodott għandu jitqies li jinkludi termini li jirreferu għall-metodu ta’ produzzjoni organika fejn, fit-tikkettar, fil-materjal tar-riklamar jew f’dokumenti kummerċjali, tali prodott, l-ingredjenti jew il-materjali ta’ l-għalf tiegħu huma mfissra f’termini li jissuġġerixxu lix-xerrej li l-prodott, l-ingredjenti jew il-materjali ta’ l-għalf tiegħu nkisbu skond ir-regoli stabbiliti f’dan ir-Regolament. B’mod partikolari, it-termini elenkati fl-Anness, [9] id-derivati jew id-diminuttivi tagħhom, bħal “bijo” u “eko”, weħidhom jew b’mod kombinat, jistgħu jintużaw fil-Komunità kollha u fi kwalunkwe lingwa tal-Komunità għat-tikkettar u r-reklamar ta’ prodott li jissodisfa l-ħtiġiet stabbiliti fi jew skond dan ir-Regolament.

9 — L-anness jelenka, għal kull waħda mill-(issa)25 lingwa użata fl-UE (l-24 lingwa uffiċjali u l-Lussemburgiż), jew wieħed jew żewġ termini, li kważi kollha kemm huma jfissru “bijoloġiku”, “ekoloġiku” jew “organiku” (l-eċċezzjonijiet huma l-Estonjan, fejn tista’ tintuża kelma li tidher li tfisser “moderat”, u l-Finlandiż, fejn it-tifsira tat-terminu mogħti tidher li hija eqreb għal “naturali”).

[…]2. It-termini msemmija fil-paragrafu 1 ma' għandhom jintużaw imkien ieħor fil-Komunità u fl-ebda lingwa tal-Komunità għat-tikkettar, ir-reklamar u d-dokumenti kummerċjali ta' prodott li ma jissodisfax il-ħtiġiet imniżżla taħt dan ir-Regolament, sakemm mhumiex applikati għal prodotti agrikoli f'ikel jew għalf jew b'mod ċar ma' għandhom l-ebda rabta ma' produzzjoni organika.[…]

4. Fir-rigward ta' ikel ipproċessat, it-termini msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jintużaw:

(a) fid-deskrizzjoni tal-bejgħ dment li:

(i) l-ikel ipproċessat hu konformi ma' l-Artikolu 19;

(ii) ta' l-anqas 95 % bl-użin, ta' l-ingredjenti ta' oriġini agrikola huma organiċi;

[...]"

26. L-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 889/2008 [10] huwa intitolat "L-użu ta' ċerti prodotti u sustanzi fl-ipproċessar ta' l-ikel". L-Artikolu 27(1) jipprovdi, *inter alia*, li:

"Għall-iskop ta' l-Artikolu 19(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, is-sustanzi li ġejjin biss jistgħu jintużaw fl-ipproċessar ta' l-ikel organiku [...]

[...]

(f) minerali (oligo-elementi inklużi), vitamini, aminoaċidi u mikronutrijenti, awtorizzati biss sa fejn l-użu tagħhom huwa legalment meħtieġ fl-affarijiet ta' l-ikel li fihom huma inkorporati."

Tikkettjar ta' importazzjonijiet ta' prodotti organiċi mill-Istati Uniti tal-Amerika

27. Il-premessa 33 tal-preambolu tar-Regolament Nru 834/2007 tgħid:

"Il-prodotti organiċi importati fil-Komunità Ewropea għandhom jitħallew jitpoġġew fis-suq Komunitarju bħala organiċi, fejn ġew prodotti skond ir-regoli ta' produzzjoni u soġġetti għal arranġamenti ta' kontroll li huma f'konformità ma' jew ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-leġislazzjoni Komunitarja. Barra minn hekk, il-prodotti importati taħt sistema ekwivalenti għandhom ikunu koperti b'ċertifikat maħruġ mill-awtorità kompetenti, jew minn awtorità ta' kontroll rikonoxxuta jew korp tal-pajjiż terz ikkonċernat."

28. Dawk l-għanijiet jingħataw effett, għal prodotti li jkunu konformi, permezz tal-Artikolu 32 ta' dan ir-regolament u, għal prodotti li jagħtu garanziji ekwivalenti, bl-Artikolu 33. L-Artikolu 33(1) jippermetti lil dawn tal-aħħar jitqiegħdu fis-suq tal-UE bil-kundizzjoni li (a) ikunu prodotti skont regoli ta' produzzjoni ekwivalenti, (b) l-operaturi jkunu ġew suġġetti għal miżuri ta' kontroll ta' effettività ekwivalenti u (c) ikunu ssuġġettaw l-attivitajiet tagħhom għal sistema ta' kontroll rikonoxxuta, u (d) il-prodotti jkunu koperti b'ċertifikat ta' spezzjoni maħruġ minn korp kompetenti. L-Artikolu 33(2) jawtorizza lill-Kummissjoni tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi li jkollhom produzzjoni ekwivalenti u miżuri ta' kontroll ta' effettività ekwivalenti.

10 — Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008, tal-5 ta' Settembru 2008, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 250, p. 1).

29. It-Titolu III tar-Regolament Nru 1235/2008 [11] huwa intitolat "Importazzjoni ta' prodotti li jipprovdu garanziji ekwivalenti". L-Artikolu 7 f'dak it-titolu jikkonċerna l-kumpilazzjoni u l-kontenut tal-lista tal-pajjiżi terzi rikonoxxuti, li tinsab fl-Anness III, filwaqt li l-Artikolu 10 jikkonċerna l-kumpilazzjoni u l-kontenut tal-lista tal-korpi tal-kontroll u l-awtoritajiet tal-kontroll rikonoxxuti għall-iskop ta' ekwivalenza, li tinsab fl-Anness IV.

30. Dawn l-annessi ġew emendati b'mod partikolari bir-Regolament Nru 126/2012 [12] li — b'seħħ mill-1 ta' Ġunju 2012 sat-30 ta' Ġunju 2015 — żied l-Istati Uniti fil-lista ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti għal, *inter alia*, prodotti agrikoli pproċessati għal użu bħala ikel u elenkaw il-korpi ta' kontroll rikonoxxuti f'dak il-pajjiż.

31. Il-premessa 4 tal-preambolu tar-Regolament Nru 126/2012 tgħid:

"Ċerti prodotti agrikoli importati mill-Istati Uniti, bħalissa qed jiġu kkummerċjalizzati fl-Unjoni skont ir-regoli tranżizzjonali stipulati fl-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008. [...] L-Istati Uniti bagħtu talba lill-Kummissjoni biex tinkludihom fil-lista pprovduta fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008. Huma ressqu l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikoli 7 u 8 ta' dak ir-Regolament. L-analiżi ta' dik l-informazzjoni u d-diskussjoni sussegwenti mal-awtoritajiet tal-Istati Uniti wasslu għall-konklużjoni li, f'dak il-pajjiż, ir-regoli li jirregolaw il-produzzjoni u l-kontrolli tal-prodotti agrikoli organiċi huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 834/2007. Il-Kummissjoni wettqet verifika sodisfaċenti fuq il-post dwar ir-regoli tal-produzzjoni u l-miżuri tal-kontroll attwalment applikati fl-Istati Uniti, kif ipprovdut fl-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007. Konsegwentement, l-Istati Uniti għandhom jiġu inklużi fil-lista stabbilita fl-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 1235/2008."

Fatti, proċedura u domandi preliminari

32. Herbaria Kräuterparadies GmbH (iktar 'il quddiem, "Herbaria") timmanifattura "Herbaria Blutquick — Eisen + Vitamine' (Herbaria Blutquick — Ħadid + Vitamini, iktar 'il quddiem, "Blutquick"), taħlita ta' meraq tal-frott b'estratti tal-ħxejjex. Għalkemm huwa magħmul prinċipalment minn ingredjenti ta' oriġini agrikola organika fis-sens tal-Artikolu 19(2)(a) tar-Regolament Nru 834/2007, Blutquick fih vitamini li ma humiex organiċi u glukonat ferruż. Huwa reklamat u kkumerċjalizzat bħala suppliment tal-ikel li għandu ħadid u vitamini, u t-tikketta tiegħu tagħmel riferiment għal produzzjoni organika fis-sens tal-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 834/2007, flimkien mal-indikazzjoni: "Il-ħadid isostni l-formazzjoni normali ta' ċelluli ħomor tad-demm u tal-emoglobina". Id-doża rakkomandata ta' kuljum tkopri 20 % mill-porzjon rakkomandat għal kuljum ["recommneded daily allowance" (RDA)]. Blutquick huwa rrakkomandat ukoll bħala ta' benefiċċju għall-iżvilupp intellettwali naturali tat-tfal jekk jittieħed matul it-tqala u t-treddigħ, bħala prodott li jiġġieled l-eżawriment u bħala prodott ta' ġid għall-benesseri inġenerali.

33. F'Diċembru 2011, l-awtoritajiet kompetenti tal-Bavarja ordnaw lil Herbaria tneħħi r-riferiment għal raba' organiku fl-ittikkettjar, ir-reklamar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' Blutquick, minħabba li dan kien jikser l-Artikolu 23(4)(a)(i) tar-Regolament Nru 834/2007 flimkien mal-Artikolu 19(2)(b) tar-Regolament Nru 834/2007 u l-Artikolu 27(1)(f) tar-Regolament Nru 889/2008. Ir-raġunijiet tagħhom kienu li ġejjin. Minerali u vitamini setgħu jiżdiedu biss sakemm l-użu tagħhom ikun legalment meħtieġ fl-oġġetti tal-ikel li fihom kienu inklużi. Ma kienx hemm ħtieġa legali bħal din għal Blutquick. Huwa ma kienx, b'mod partikolari, prodott kopert mir-regolament nazzjonali dwar ikel

11 — Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008, tat-8 ta' Diċembru 2008, li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi (ĠU L 334, p. 25).

12 — Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 126/2012 tal-14 ta' Frar 2012 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 889/2008 fir-rigward ta' evidenza dokumentata u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1235/2008 rigward l-arranġamenti għall-importazzjoni ta' prodotti organiċi mill-Istati Uniti tal-Amerika (ĠU L 41, p. 5).

tad-dieta (iktar 'il quddiem, id-Diätverordnung). Il-fatt li r-Regolament Nru 1924/2006 kien jissuġġetta "indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa" għal rekwiżiti dettaljati ma kienx ifisser li l-użu ta' vitamini u minerali kien legalment meħtieġ fil-manifattura ta' oġġetti tal-ikel jekk dawn ma kinux ikunu koperti mid-Diätverordnung. Anki kieku Blutquick kien awtorizzat skont ir-Regolament Nru 1924/2006, huwa ma setax ikun ittikkettat, reklamat jew jitqiegħed fis-suq bir-riferiment għall-produzzjoni organika rregolata bl-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 834/2007, minħabba li r-Regolament Nru 1924/2006 ma jeżiġix li oġġetti tal-ikel u addittivi tal-ikel ikun fihom vitamini jew li jkunu msaħħa b'glukonat ferruż.

34. Herbaria kkontestat dik id-deċiżjoni, billi argumentat fost l-oħrajn li l-Artikolu 27(1)(f) tar-Regolament Nru 889/2008 kien maħsub sabiex jippermetti ż-żieda ta' minerali u vitamini jekk u sakemm dispożizzjonijiet oħra tal-UE jew nazzjonali kienu jeżiġu kontenut ta' vitamini jew minerali meta oġġett tal-ikel ma setax jaqdi l-għan indikat tiegħu mingħajr tali kontenut. Il-punt ta' referenza kien l-oġġett tal-ikel partikolari u l-użu maħsub speċifiku tiegħu. Dispożizzjonijiet dwar supplimenti tal-ikel jew indikazzjonijiet dwar is-saħħa u n-nutrizzjoni, b'mod partikolari fir-Regolament Nru 1924/2006, kienu jeżiġu li jiżdiedu minerali u vitamini mal-oġġetti tal-ikel ittikkettati bħala li għandhom funzjoni nutrizzjonali speċifika. Il-projbizzjoni ta' indikazzjonijiet qarrieqa kienet teżiġi li d-doża rakkomandata mill-manifattur għal kuljum tkun tkopri 15 % tal-ammont massimu ssuġġerit mill-awtoritajiet bħala l-ammont iggarantit [13]. L-għan indikat ta' suppliment tal-ikel kien il-bażi tal-obbligu legali li jinkisbu l-valuri minimi korrispondenti. Jekk dawn il-valuri setgħu jinkisbu biss b'żieda ta' sustanzi, iż-żieda kienet tkun legalment meħtieġa. Barra minn hekk, ir-Regolament Nru 432/2012 stabbilixxa rekwiżiti legali għal dożi għal kuljum u, għalhekk, kien jeħtieġ li jiżdiedu sustanzi f'oġġett ta' ikel organiku. Iż-żieda ta' glukonat ferruż u ta' vitamini fi Blutquick kienet essenzjali biex jinkisbu l-valuri nutrizzjonali meħtieġa għall-għan nutrizzjonali indikat. Dak ma setax isir bl-użu ta' ingredjenti dderivati minn prodotti organiċi. Iż-żidiet kienu limitati għal dak li kien meħtieġ.

35. L-awtoritajiet wieġbu li ma kienx hemm ħtieġa legali li jiżdiedu vitamini jew glukonat ferruż. Ir-Regolament Nru 1924/2006 sempliċement jippermetti ż-żieda ta' dawk is-sustanzi, iżda ma jitlobhiex. Interpretazzjoni kuntrarja tikser l-Artikolu 6(b) tar-Regolament Nru 834/2007, li jipprovdi li addittivi tal-ikel f'raba' organiku għandhom jintużaw mill-inqas.

36. F'dawk iċ-ċirkustanzi, il-Verwaltungsgericht tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin:

"(1) L-Artikolu 27(1)(f) tar-Regolament (KE) Nru 889/2008 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-użu tas-sustanzi msemmija jkun legalment meħtieġ biss meta dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tkun konformi mad-dritt tal-Unjoni tipprevedi direttament l-inklużjoni ta' dawn is-sustanzi fil-prodott tal-ikel li fih għandhom jiġu inklużi jew meta tali dispożizzjoni tistabbilixxi, minn tal-inqas, kontenut minimu għas-sustanzi msemmija li għandhom jiġu inklużi?

(2) Fil-każ li tingħata risposta negattiva għall-ewwel domanda: l-Artikolu 27(1)(f) tar-Regolament (KE) Nru 889/2008 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-użu tas-sustanzi msemmija jkun ukoll legalment meħtieġ meta, mingħajr l-inklużjoni ta' minn tal-inqas waħda mis-sustanzi msemmija, il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodott tal-ikel bħala komplement tal-ikel jew bl-użu ta' allegazzjonijiet dwar is-saħħa tkun qarrieqa u tqarraq bil-konsumatur, minħabba li l-prodott

13 — Dan jidher li jirreferi għal dokument nazzjonali intitolat "Toxikologische und ernährungsphysiologische Aspekte der Verwendung von Mineralstoffen und Vitaminen in Lebensmitteln' (Aspetti tossikoloġiċi, nutrizzjonali u fiżjoloġiċi tal-użu ta' minerali u vitamini f'oġġetti tal-ikel), ippubblikat fl-2002 jew fl-2004 mill-Bundesinstitut für gesundheitlichen Verbraucherschutz und Veterinärmedizin (Istitut Federali għall-Ħarsien tas-Saħħa tal-Konsumaturi u ta' Mediċina Veterinarja) tal-Ġermanja, li jagħmel ċerti rakkomandazzjonijiet għal leġiżlazzjoni fil-ġejjieni. Ara wkoll in-nota ta' qiegħ il-paġna 5 iktar 'il fuq.

tal-ikel ma jkunx jista', fid-dawl ta' konċentrazzjoni żgħira wisq ta' waħda mis-sustanzi msemmija, jissodisfa l-għan tiegħu bħala prodott tal-ikel jew l-għan indikat fl-allegazzjoni dwar is-saħħa?

(3) Fil-każ li tingħata risposta negattiva għall-ewwel domanda: l-Artikolu 27(1)(f) tar-Regolament (KE) Nru 889/2008 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-użu tas-sustanzi msemmija jkun ukoll legalment meħtieġ meta allegazzjoni partikolari dwar is-saħħa tkun tista' tintuża biss fir-rigward tal-prodotti tal-ikel li jkun fihom kwantità partikolari, u saħansitra sinjifikattiva, ta' minn tal-inqas waħda mis-sustanzi msemmija?"

37. Ġew sottomessi osservazzjonijiet bil-miktub mill-partijiet fil-proċedura prinċipali, mill-Gvern Ċek, Franċiż u Spanjol u mill-Kummissjoni Ewropea, u huma wkoll, bl-eċċezzjoni tal-Gvern Ċek u Spanjol, ippreżentaw sottomissjonijiet orali waqt is-smigħ tat-13 ta' Frar 2014.

38. Essenzjalment dawk kollha li ssottomettew osservazzjonijiet, minbarra Herbaria, iqisu li r-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun fl-affermattiv, u li ma hemm l-ebda ħtieġa legali tal-UE li Herbaria tista' tibbaża ruħha fuqha. Herbaria hija tal-fehma opposta, iżda tqajjem ukoll il-kwistjoni ta' importazzjonijiet ta' supplimenti tal-ikel mill-Istati Uniti tal-Amerika li, hija tallega, jistgħu jiġu ttikkettati bħala organiċi minkejja li jkun fihom ħadid u vitamini miżjudin. Dik il-kwistjoni, minħabba li ma tqajmitx mill-qorti tar-rinviju, ma ġiet indirizzata mill-ebda waħda mill-osservazzjonijiet l-oħra iżda ġiet diskussa waqt is-smigħ.

Evalwazzjoni

Interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni

39. It-tliet domandi preliminari jistgħu jiġu fformulati mill-ġdid flimkien bħala domanda dwar jekk il-kliem "[l-użu] legalment meħtieġ fl-affarijiet ta' l-ikel li fihom huma inkorporati" fl-Artikolu 27(1)(f) tar-Regolament Nru 889/2008 jirreferix (a) biss għal ħtieġa legali diretta għal waħda jew iktar mis-sustanzi elenkati bħala li jkunu jinsabu fl-oġġetti tal-ikel jekk, wara kollox, ikollhom jiġu kkumerċjalizzati, irrispettivament minn kull dikjarazzjoni dwar il-kwalitajiet tagħhom jew l-użu maħsub, jew (b) ukoll għal sitwazzjoni li fiha l-oġġetti tal-ikel jiġu kkumerċjalizzati bħala suppliment tal-ikel, b'indikazzjoni dwar in-nutrizzjoni jew is-saħħa jew għal użu nutrittiv partikolari iżda li ma jistgħux jiġu kkumerċjliazzati b'dan il-mod sakemm ma jkollhomx ammont speċifiku ta' waħda jew iktar minn dawk is-sustanzi.

40. L-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 834/2007 jipprekludi l-użu ta' riferiment għal produzzjoni organika għal kwalunkwe prodott li ma jissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-regolament. L-Artikolu 23(4) jagħmilha ċara li riferiment bħal dan huwa awtorizzat fir-rigward ta' ikel ipproċessat (u taħlita ta' meraq tal-frott b'estratti tal-ħxejjex hija neċessarjament ikel ipproċessat) *biss* jekk dak l-ikel ikun konformi mal-Artikolu 19. L-Artikolu 19(2)(b) jippermetti ż-żieda, *inter alia*, ta' minerali u vitamini *biss* sa fejn ikunu ġew awtorizzati għall-użu fi produzzjoni organika skont l-Artikolu 21. L-Artikolu 21 jistabbilixxi kriterji ġenerali biex jiġi awtorizzat l-użu ta' sustanzi bħal dawn u jiddelega lill-Kummissjoni l-kompitu li tistabbilixxi lista *ristretta* fil-qafas ta' dawn il-kriterji. Il-kriterji huma li ma għandu jkun hemm l-ebda alternattiva awtorizzata u li s-sustanza għandha tkun meħtieġa biex jiġi prodott jew ippreżervat l-ikel jew biex jiġu sodisfatti ħtiġiet partikolari ta' dieta previsti abbażi tal-leġiżlazzjoni tal-UE.

41. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni stabbiliet, fl-Artikolu 27(1) tar-Regolament Nru 889/2008, il-lista ristretta ta' sustanzi li jistgħu jintużaw fl-ipproċessar ta' ikel li jiġi kkumerċjalizzat bħala organiku. Skont l-Artikolu 27(1)(f), minerali u vitamini jiġu awtorizzati *biss* sa fejn l-użu tagħhom ikun legalment meħtieġ.

42. Il-kliem ta' dawk id-dispożizzjonijiet [14] jagħmilha ċara li huma maħsubin li jiġu interpretati restrittivament — kif huwa kkonfermat mill-premessa 22 tal-preambolu tar-Regolament Nru 834/2007, li tgħid li, biex tinżamm il-kunfidenza tal-konsumatur, l-eċċezzjonijiet għar-rekwiżiti applikabbli għall-produzzjoni organika għandhom ikunu *limitati strettament* għal każijiet ġustifikati.

43. Għaldaqstant ma għandi l-ebda eżitazzjoni sabiex nikkonkludi li l-użu ta' "legalment meħtieġ" fl-Artikolu 27(1)(f) tar-Regolament Nru 889/2008 għandu jiġi interpretat strettament fis-sens li jikkonċerna biss rekwiżit legali dirett li s-sustanza għandha tintuża fl-ipproċessar tal-ikel inkwistjoni.

44. Mhux argumentat li jeżisti rekwiżit legali, skont il-liġijiet tal-UE jew xi liġi nazzjonali kompatibbli magħhom, li taħlita ta' meraq tal-frott b'estratti tal-ħxejjex mibjugħa sempliċiment bħala oġġett tal-ikel, kemm jekk organika jew le, għandu jkollha xi kwantità speċifikata ta' ħadid jew ta' xi vitamina partikolari.

45. Madankollu, f'ċerti ċirkustanzi, jista' jitqies li jeżisti rekwiżit legali għal prodott bħal dan li jkun fih ċerti minerali jew vitamini f'ammonti speċifikati jekk ikollu jinbiegħ bħala suppliment tal-ikel, b'indikazzjoni dwar in-nutrizzjoni jew is-saħħa, jew bħala oġġett tal-ikel għal użu nutrittiv partikolari, u l-preżenza ta' dawk l-ammonti tkun meħtieġa sabiex jiġi kkummerċjalizzat b'dak il-mod. Madankollu, ma naqbilx ma' analiżi bħal din.

46. Fir-rigward ta' supplimenti tal-ikel, il-Kummissjoni tindika li, għalkemm jistgħu jiġu stabbiliti ammonti minimi ta' vitamini u minerali f'supplimenti tal-ikel skont Artikolu 5(3) u (4) tad-Direttiva 2002/46, l-ebda ammonti bħal dawn għadhom fil-fatt ma ġew stabbiliti. Lanqas — għalkemm dan jista' jiġi ddeterminat biss mill-Verwaltungsgericht — ma jidher li ammonti bħal dawn kienu stabbiliti f'leġiżlazzjoni applikabbli Ġermaniża [15]. Barra minn dan, anki kieku ġew stabbiliti ammonti minimi, dan ma jimponix rekwiżit fuq il-produtturi li jinkludu xi minerali jew vitamina partikolari fil-prodotti tagħhom; pjuttost, dan jipprekludihom milli jikkummerċjalizzaw dawk il-prodotti bħala supplimenti tal-ikel li fihom is-sustanza jew is-sustanzi inkwistjoni sakemm ma jkunx fihom ammont jew ammonti minimi.

47. Fir-rigward ta' indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa, huwa ċar mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1924/2006 u tar-Regolament Nru 432/2012 imsemmijin fil-punti 9 sa 14 iktar 'il fuq, li l-indikazzjonijiet magħmulin għal Blutquick huma tali li jistgħu jsiru biss jekk ikun hemm ħadid u vitamini f'ammonti sinjifikattivi. Iżda, kif il-Kummissjoni terġa' tinnota, indikazzjoni fis-sens tar-Regolament Nru 1924/2006 hija speċifikament waħda li *ma hijiex* obbligatorja skont id-dritt tal-UE jew id-dritt nazzjonali. Għal darb'oħra, għalhekk, id-dispożizzjonijiet inkwistjoni ma jimponu l-ebda rekwiżit legali fir-rigward tal-kontenut tal-oġġetti tal-ikel ikkonċernati; pjuttost, huma jispeċifikaw il-kundizzjonijiet li fihom jistgħu jsiru indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni jew is-saħħa.

48. Fl-aħħar nett, fir-rigward ta' oġġetti tal-ikel għal użu nutrittiv partikolari, qabelxejn ma huwa bl-ebda mod ċar mill-proċess li Blutquick jaqa' taħt id-definizzjoni ta' oġġetti tal-ikel bħal dawk tal-Artikolu 1(2) u (3) tad-Direttiva 2009/39, għalkemm jidher fil-fatt li huwa intiż għal, *inter alia*, ommijiet li jreddgħu u persuni li jbatu minn eżawriment, li jistgħu jitqiesu li jkunu "f'kondizzjoni psikoloġika [fiżjoloġika] speċjali u [...] għalhekk kapaċi li jiksbu benefiċċju speċjali mill-konsum kontrollat ta' ċerti sustanzi fl-oġġetti tal-ikel". Iżda f'kull każ, kif jinnota l-Gvern Franċiż, sustanzi nutrizzjonali għandhom jiżdiedu biss meta "stipulati minn regoli speċifiċi fid-direttivi speċifiċi rilevanti, flimkien mal-kundizzjonijiet kwantitattivi xierqa, skont il-każ" [traduzzjoni mhux uffiċjali] [16].

14 — Ara wkoll l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 834/2007, iċċitat fil-punt 22 iktar 'il fuq, li juża termini bħal "restrizzjoni", "sa limitu minimu", "biss", "essenzjali" u "esklużjoni".

15 — Il-Verwaltungsgericht tgħid li Blutquick ma huwiex prodott kopert mid-Diätverordnung (ara l-punt 33 iktar 'il fuq). Dokument li ssemma wkoll fid-deċiżjoni għal rinviju (are n-nota ta' qiegħ il-paġna 14 iktar 'il fuq) jipproponi li, biex ma jitħalliex li konsumaturi jitqarrqu, il-kontenut minerali minimu ta' supplimenti tal-ikel għandu jkun tali li 15 % tal-ammont rispettiv massimu rrakkomandat jinkiseb bil-konsum ta' x'jittieħed kif indikat mill-manifattur; iżda ma hemmx indikazzjoni li ttieħdu passi fuq dik il-proposta.

16 — Ara l-punt 19 iktar 'il fuq.

U, ukoll għal darb'oħra, ma hemmx obbligu li tiġi kkummerċjalizzata, pereżempju, taħlita ta' meraq tal-frott bħala oġġett tal-ikel għal użu nutrittiv partikolari, iżda biss projbizzjoni fuq il-kummerċjalizzazzjoni bħala tali jekk ma tissodisfax ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2009/39 u tar-Regolament Nru 953/2009.

49. Fil-qosor, l-istanzi kollha ċċitati fit-talba għal deċiżjoni preliminari, jew minn Herbaria, li fihom iż-żieda ta' minerali u/jew vitamini tista' titqies li hija "legalment meħtieġa" huma fil-fatt każijiet li fihom il-manifattur ikun prekluż milli jikkummerċjalizza l-prodott bħala suppliment tal-ikel, b'indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni jew is-saħħa jew bħala oġġett tal-ikel għal użu nutrittiv partikolari sakemm ma jkunx hemm ċertu kontenut ta' minerali jew vitamini. Peress li ma hemmx rekwiżit legali li kull prodott jiġi kkummerċjalizzat f'dawk it-termini, tkun meħtieġa interpretazzjoni wiesgħa b'mod mhux aċċettabbli tal-Artikolu 27(1)(f) tar-Regolament Nru 889/2008 biex jiġu inklużi sitwazzjonijiet bħal dawn fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu u biex jiġi awtorizzat fuq dik il-bażi l-użu ta' minerali u/jew vitamini fl-ipproċessar ta' oġġetti tal-ikel li jiġu kkummerċjalizzati bħala organiċi.

50. Skont l-istat attwali tal-leġiżlazzjoni [17], jidhirli li din hija l-unika interpretazzjoni koerenti possibbli.

51. Nirrikonoxxi li, fil-kuntest tal-Ftehim dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ [18], il-Korp tal-Appell tad-WTO qies li rekwiżit li jiġu sodisfatti ċerti kundizzjonijiet biex prodott tat-tonn jiġi ttikkettat bħala "ħieles minn delfin" (sitwazzjoni li ma hijiex differenti minn dik f'dan il-każ) huwa obbligatorju għall-finijiet tal-Anness 1.1 ta' dak il-ftehim anki jekk il-prodott ikun jista' jiġi kkummerċjalizzat mingħajr dak it-tikkettjar [19].

52. Madankollu, iċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ huma iktar kumplessi minn dawk eżaminati mill-Korp tal-Appell. Hawnhekk ma hijiex sempliċiment kwistjoni ta' konformità ma' kundizzjonijiet partikolari biex tintuża dikjarazzjoni partikolari fuq it-tikkettjar. Hija pjuttost kwistjoni ta' rikonċiljazzjoni ta' żewġ settijiet jew iktar ta' rekwiżiti, li mhux kollha jistgħu neċessarjament jitħarsu simultanjament, biex tintuża għaqda ta' indikazzjonijiet fuq it-tikkettjar.

53. Fil-liġijiet tal-UE, għandhom jiġu sodisfatti ċerti kundizzjonijiet biex prodott jiġi kkummerċjalizzat bħala organiku. Għandhom jiġu sodisfatti kundizzjonijiet oħra biex il-prodott jiġi kkummerċjalizzat bħala suppliment tal-ikel, b'indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa, jew bħala oġġett tal-ikel għal użu nutrittiv partikolari. Biex prodott jiġi kkummerċjalizzat *kemm* bħala organiku *kif ukoll* bħala suppliment tal-ikel, b'indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa jew bħala oġġett tal-ikel għal użu nutrittiv partikolari, għandhom jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet rilevanti kollha. Iżda f'ebda każ ma hemm rekwiżit legali li prodott jiġi kkummerċjalizzat f'xi wieħed minn dawk il-modi. Meta l-kundizzjonijiet rilevanti għal kummerċjalizzazzjoni f'taħlita ta' modi, ma jkunux jistgħu jiġu sodisfatti kollha simultanjament għall-istess prodott, huwa l-produttur li għandu jagħżel kif jikkummerċjalizza l-prodott u b'hekk jaċċerta liema kundizzjonijiet għandhom jiġu sodisfatti. Kif jinnota l-Gvern Franċiż, approċċ kuntrarju jippermetti lill-produtturi jikkumerċjalizzaw bħala organiċi prodotti li jkun fihom sustanzi mhux organiċi mhux awtorizzati sempliċiment billi jagħżlu li jagħmlu indikazzjonijiet oħra, flimkien ma' dawk ta' produzzjoni organika, li ma jkunux jistgħu jsiru mingħajr ma jiżdiedu dawk is-sustanzi.

17 — Mhux ser inqis il-kwistjoni jekk *għandux* ikun possibbli li prodott jiġi kkummerċjalizzat b'riferiment għal produzzjoni organika fiċ-ċirkustanzi tal-proċedura prinċipali; dik hija materja għal-leġiżlatur biss.

18 — Anness 1A tar-Rawnd Urugwajan ta' Negozjati Kummerċjali Multilateral, ĠU L 336, p. 86 (iktar 'il quddiem, il-"Ftehim TBT").

19 — Rapport tal-Korp tal-Appell, *Stati Uniti — Miżuri Dwar l-Importazzjoni, il-Kummerċjalizzazzjoni u l-Bejgħ tat-Tonn u Prodotti tat-Tonn*, WT/DS381/AB/R, adottat fit-13 ta' Ġunju 2012, partikolarment fil-paragrafu 196.

54. Madankollu Herbaria ssostni li l-għan indikat fl-Artikolu 3(c) tar-Regolament Nru 834/2007, li tiġi prodotta "varjetà kbira" ta' ikel u prodotti organiċi li jindirizzaw id-domanda tal-konsumaturi, tfisser li għandu jkun possibbli li prodotti organiċi jiġu kkummerċjalizzati fil-kategoriji kollha ta' oġġetti tal-ikel li jissodisfaw dik id-domanda, inklużi supplimenti tal-ikel, prodotti tad-dieta u oġġetti tal-ikel ordinarji li jkollhom fuqhom indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa.

55. Dan l-argument ma jikkonvinċinix. L-għan inkwistjoni ċertament jinkludi l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti organiċi f'kategoriji bħal dawn. Ma jinkludix, madankollu, il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti f'dawn il-kategoriji bħala organiċi meta ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet biex huma jiġu kkummerċjalizzati bħala organiċi.

56. Jiena, għalhekk, tal-fehma li l-kliem "legalment meħtieġ fl-affarijiet tal-ikel li fihom huma inkorporati" tal-Artikolu 27(1)(f) tar-Regolament Nru 889/2008 jirreferi biss għal rekwiżit legali dirett li waħda jew iżjed mis-sustanzi elenkati għandhom jinsabu f'oġġett tal-ikel jekk *wara kollox* dan jiġi kkummerċjalizzat fis-suq. Ma jestendix għal sitwazzjoni li fiha l-oġġett tal-ikel jiġi kkummerċjalizzat bħala suppliment tal-ikel, b'indikazzjoni dwar in-nutrizzjoni jew is-saħħa, jew bħala oġġett tal-ikel għal użu nutrittiv partikolari, iżda li ma jkunx jista' jiġi kkummerċjalizzat b'dan il-mod sakemm ma jkunx fih ammont partikolari ta' waħda jew iktar ta' dawk is-sustanzi.

Differenza ta' trattament meta mqabbel ma' importazzjonijiet mill-Istati Uniti tal-Amerika

57. Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha lill-Qorti tal-Ġustizzja, Herbaria sostniet li, wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 126/2012 (li implementa skambju ta' ittri bejn il-Kummissjoni u d-Dipartiment tal-Agrikoltura tal-Istati Uniti tal-Amerika), oġġetti tal-ikel prodotti fl-Istati Uniti tal-Amerika setgħu jiġu kkummerċjalizzati bħala organiċi fl-UE anki jekk kien ikun fihom vitamini u minerali nutrittivi mhux organiċi, minħabba li ttikkettjar bħal dan kien permess fl-Istati Uniti tal-Amerika permezz tal-§205.605 tat-Titolu 7 (Agrikoltura) tal-Kodiċi Elettroniku tar-Regolamenti Federali [20]. Hija ċċitat prodott tal-Istati Uniti tal-Amerika (Organic Life Vitamins), li jingħad li huwa komparabbli ma' Blutquick, li jiġi kkummerċjalizzat fl-UE filwaqt li fih vitamini u minerali li ma humiex organiċi. Jekk Blutquick ma jistax jiġi kkummerċjalizzat bl-istess mod, id-dritt ta' Herbaria għal ugwaljanza fit-trattament jinkiser.

58. Is-sottomissjonijiet orali waqt is-smigħ kienu ddedikati, fuq talba tal-Qorti tal-Ġustizzja, essenzjalment għal dik il-kwistjoni.

59. Il-kwistjoni hija, potenzjalment, ta' importanza immensa. Tantiċipa, f'kuntest pjuttost iktar limitat, wieħed mit-tipi ta' kwistjonijiet li x'aktarx tinqala' b'rabta mas-Sħubija Transatlantika dwar Kummerċ u Investiment (Transatlantic Trade and Investment Partnership, iktar 'il quddiem it-"TTIP") li qed tiġi nnegozjata bħalissa bejn il-Kummissjoni f'isem l-UE u r-Rappreżentant tal-Kummerċ tal-Istati Uniti tal-Amerika f'isem l-Istati Uniti tal-Amerika [21]. Hija kwistjoni ta' "rikonoxximent reċiproku" li tqajjem kwistjonijiet ta' ugwaljanza fit-trattament u, possibbilment, ta' diskriminazzjoni inversa. Jekk l-UE għandha tippermetti l-importazzjoni u l-bejgħ sussegwenti, bħala organiċi, ta' oġġetti tal-ikel li ma jkunux konformi mar-regoli tal-UE iżda li sempliċiment jagħtu garanziji ekwivalenti, wieħed jista' jistaqsi jekk għandux ikun ukoll posssibbli li jiġu kkummerċjalizzati, bħala organiċi, oġġetti tal-ikel prodotti fl-UE li jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-regoli li jagħtu dawn il-garanziji ekwivalenti. Fir-rigward tat-TTIP, ġie espress tħassib li, *inter alia*, kien ser ikun hemm assimilazzjoni *de facto* ta' sezzjonijiet vasti ta' miżuri regolatorji u konsegwentement telf tal-awtonomija regolatorja.

20 — http://www.ecfr.gov.

21 — Ara http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2013/july/tradoc_151605.pdf għal sunt qasir. Wieħed jista' jinnota wkoll li l-Artikolu 2.7 tal-Ftehim TBT (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 19) jeżiġi li l-Membri "iqisu b'mod pożittiv li jaċċettaw bħala ekwivalenti regolamenti tekniċi ta' Membri oħra, anki jekk dawn ir-regolamenti jkunu differenti minn dawk tagħhom stess, bil-kundizzjoni li jkunu sodisfatti li dawn ir-regolamenti jissodisfaw b'mod adegwat l-għanijiet tar-regolamenti tagħhom stess" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

60. Jeżistu, madankollu, fil-fehma tiegħi, raġunijiet konvinċenti għaliex il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex tindirizza dawn il-kwistjonijiet fil-kuntest ta' din il-proċedura.

61. L-ewwel u qabel kollox, il-Verwaltungsgericht ma talbet l-ebda gwida dwar din il-kwistjoni — minkejja li, skont id-dikjarazzjoni tal-avukat ta' Herbaria waqt is-smigħ, din kienet kwistjoni li kienet tqajmet u ġiet diskussa fil-proċedura nazzjonali. Il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet b'mod konsistenti li hija biss il-qorti nazzjonali, li quddiemha titressaq it-tilwima, u li għandha tassumi r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġudizzjarja sussegwenti, li għandha tiddetermina, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, kemm il-ħtieġa ta' deċiżjoni preliminari biex hija tkun tista' tagħti sentenza, kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja [22]. F'dan il-kuntest, għandha tkun ukoll, fil-fehma tiegħi, għall-inqas primarjament, il-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina li kwistjoni tad-dritt tal-UE mqajma quddiemha *ma jkollhiex* għalfejn tiġi deċiża biex hija tkun tista' tagħti sentenza, u, għalhekk, fl-interessi tal-effiċjenza proċedurali, *ma għandhiex* tiġi sottomessa lill-Qorti tal-Ġustizzja. Il-proċedura għal deċiżjoni preliminari ġiet meqjusa b'mod konsistenti li hija djalogu bejn qorti u oħra, li l-bidu tagħha jiddependi għalkollox mill-evalwazzjoni tal-qorti nazzjonali dwar jekk talba hijiex xierqa u meħtieġa [23].

62. Barra minn hekk, il-fatt li l-Verwaltungsgericht ma għamlet l-ebda riferiment għall-kwistjoni mqajma minn Herbaria, inevitabbilment ifisser li, fir-rigward ta' dik il-kwistjoni, it-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari ma tinkludix b'mod sħiħ l-elementi meħtieġa skont l-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. B'mod partikolari, ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' xi sejba fattwali jew preżunzjonijiet rigward il-komparabbiltà ta' Organic Life Vitamins ma' Blutquick, il-bejgħ attwali ta' dak tal-ewwel fl-UE skont il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 33 tar-Regolament Nru 834/2007 jew l-eventwali konformità ta' dan tal-aħħar mar-regolamenti tal-Istati Uniti tal-Amerika kieku kien prodott fl-Istati Uniti tal-Amerika; lanqas, ovvjament, ma hemm indikazzjoni tar-raġunijiet għaliex tista' tkun meħtieġa deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni tar-regoli li jirrigwardaw it-tikkettjar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' oġġetti tal-ikel mill-Istati Uniti tal-Amerika.

63. Meta ngħid hekk ma għandix l-intenzjoni li nikkritika lill-Verwaltungsgericht. Bil-kontra, dik il-qorti b'mod ċar ħadet deċiżjoni informata li ma tirrinvjax domanda dwar dak il-punt u, għalhekk, b'mod korrett, baqgħet lura milli tagħti raġunijiet u dettalji dwar fatti relatati magħha. Konsegwentement, kieku l-Qorti tal-Ġustizzja jkollha tindirizza l-kwistjoni, hija jkollha tagħmel hekk fl-għama, għax la tkun taf ir-raġunijiet li ġiegħlu lill-Verwaltungsgericht ma titlobx gwida dwar dak il-punt u lanqas il-bażi fattwali u proċedurali għalfejn dawk ir-raġunijiet jistgħu jiġu kkontestati. Il-Qorti tal-Ġustizzja tkun qed tmur lil hinn mil-limiti tal-funzjoni fdata lilha kieku tiddeċiedi li tagħti deċiżjoni dwar problema ipotetika mingħajr ma jkollha quddiemha l-elementi fattwali jew legali meħtieġa [24]. L-għoti ta' risposta għal domanda mqajma minn parti fil-proċedura prinċipali mingħajr il-kunsens tal-qorti tar-rinviju, jidhirli li jmur jerġa' iktar lil hinn mil-limiti ta' dik il-funzjoni.

64. Barra minn hekk, li tiġi indirizzata kwistjoni li ma tkunx tqajmet fit-talba għal deċiżjoni preliminari — u waħda li lanqas ma hija estrapolazzjoni naturali jew loġika mill-kwistjonijiet deskritti f'dak id-dokument — iżda biss fl-osservazzjonijiet ta' parti fil-proċedura prinċipali, iċaħħad parzjalment lill-Istati Membri mid-drittijiet li huma għandhom skont l-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, li jiġu informati bis-suġġett tad-domandi magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja u li jissottomettu osservazzjonijiet bil-miktub dwar dawk id-domandi. Huwa minnu li Stat Membru jista' jitlob li jagħmel sottomissjonijiet orali waqt is-smigħ b'risposta għall-punti mqajmin fl-osservazzjonijiet bil-miktub. Iżda, minn naħa, jista' jkun li huwa ma jkunx irċieva dawk l-osservazzjonijiet fil-lingwa

22 — Ara, għal eżempju reċenti, *Nordecon u Ramboll Eesti* (C-561/12, EU:C:2013:793), punt 29.

23 — Ara, għal eżempju reċenti, *Križan u Oħrajn* (C-416/10, EU:C:2013:8), punt 66.

24 — Ara, għal eżempju reċenti tal-ġurisprudenza konsistenti, id-deċiżjoni f'*Società cooperativa Madonna dei miracoli* (C-82/13, EU:C:2013:655), punti 11 u 12 u l-ġurisprudenza ċċitata.

uffiċjali tiegħu stess, filwaqt li t-talba għal deċiżjoni preliminari dejjem tiġi tradotta jew għall-inqas miġbura fil-qosor fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, u, min-naħa l-oħra, ikun hemm biss ħin limitat waqt smigħ u jista' verament ma jkunx possibbli li jsiru tali sottomissjonijiet dettaljati u utli bħalma kien ikun il-każ bil-miktub.

65. It-tieni nett, kif il-Kummissjoni indikat waqt is-smigħ, il-proċedura prinċipali tirrigwarda kontestazzjoni ta' deċiżjoni meħuda mill-awtoritajiet tal-Bavarja f'Diċembru 2011, li l-validità tagħha għandha, preżumibbilment, għalhekk, tiġi evalwata skont il-liġi fis-seħħ f'dak iż-żmien. Skont l-Artikolu 3 tiegħu, ir-Regolament Nru 126/2012, li fuqu Herbaria tibbaża l-indikazzjonijiet tagħha, kien japplika biss mill-1 ta' Ġunju 2012. Għalhekk jidher li, fiż-żmien li jidher rilevanti, ma seta' jkun hemm l-ebda oġġett tal-ikel mill-Istati Uniti tal-Amerika li jinkludi vitamini u minerali mhux organiċi, awtorizzat għal kummerċjalizzazzjoni bħala organiku fl-UE, li fuqu Herbaria setgħet tibbaża allegazzjoni ta' trattament mhux ugwali.

66. F'dawn iċ-ċirkustanzi, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex tipprova tindirizza l-kwistjoni supplimentari mqajma minn Herbaria fil-kuntest ta' din il-proċedura. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja, madankollu, tqis li jkun xieraq li tagħmel hekk, naħseb li l-ewwel għandha titlob kjarifika mill-Verwaltungsgericht skont l-Artikolu 101 tar-Regoli tal-Proċedura u wara, jekk ikun xieraq, terġa' tiftaħ il-proċedura orali skont l-Artikolu 83 ta' dawn ir-regoli biex kull Stat Membru jkun jista' jissottometti osservazzjonijiet fid-dawl ta' dik il-kjarifika.

Konklużjoni

67. Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal hawn fuq, l-opinjoni tiegħi hija li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti r-risposta li ġejja għat-talba għal deċiżjoni preliminari:

L-Artikolu 27(1)(f) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008, tal-5 ta' Settembru 2008, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-użu tas-sustanzi msemmija jkun legalment meħtieġ biss meta dispożizzjoni tad-dritt tal-UE jew dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tkun konformi mad-dritt tal-UE tipprevedi direttament iż-żieda ta' dawn is-sustanzi fl-oġġett tal-ikel li fih għandhom jiġu inklużi jew, minn tal-inqas, tistabbilixxi kontenut minimu għas-sustanzi msemmija, qabel ma l-oġġett tal-ikel jiġi kkummerċjalizzat.

Ma hemm l-ebda rekwiżit bħal dan meta l-kummerċjalizzazzjoni ta' oġġett tal-ikel bħala suppliment tal-ikel, b'indikazzjoni dwar in-nutrizzjoni jew is-saħħa jew bħala oġġett tal-ikel għal użu nutrittiv partikolari jkollu tendenza, mingħajr iż-żieda ta' waħda jew iktar mis-sustanzi msemmija, li jqarraq bil-konsumatur minħabba li l-oġġett tal-ikel ma jkunx jista', fid-dawl ta' konċentrazzjoni żgħira wisq ta' tali sustanza jew sustanzi, jissodisfa l-għan indikat tiegħu bħala oġġett tal-ikel jew l-għan indikat tiegħu kif espress fl-indikazzjoni dwar in-nutrizzjoni jew is-saħħa. Lanqas ma hemm rekwiżit bħal dan fejn indikazzjoni speċifika dwar in-nutrizzjoni jew is-saħħa tkun tista' tintuża biss għal oġġetti tal-ikel li jkun fihom kwantità "sinjifikattiva" tas-sustanza jew sustanzi msemmija.